Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, it-23 ta' Marzu 2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Eman Hayman)**

**Versus**

**Dennis Vella**
**(478180M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra Dennis Vella iben Patrick u Catherine nee' Caruana imwieled Pieta nhar l-4 t'Ottubru 1980 u joqghod Blk A4, Flat 10, Triq Pietru D'Armenia, Pembroke u detentur tal-karta ta' l-identita 478180M.

Fejn huwa gie akkuzat talli fil-25 ta` Frar 2019 fil-hinijiet ta' bejn is-18:30hrs u 19:30hrs gewwa Zabbar:

1. Filwaqt li kien qed jaghmel reat kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tieghu xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oggetti u ma gabx prova xort'ohra li kien qed igorr l-istess arma regolari bi skop legittimu u dan bi ksur tal- Artikolu 55 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Ikkaguna lill Donna Marie Micallef biza' li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta taghha jew kontra l-persuna jew il-propjeta ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna ohra;

3. Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paci pubblika b'ghajjat u storbju;

4. Hebb ghal Donna Marie Micallef u Margaret Micallef Stojanovic sabiex jingurjhom, jddejqhom jew jaghmlilhom hsara b'xi mod;

5. Insulenta, hedded jew ingurja bi kliem jew b'mod iehor lil Donna Marie Micallef u Margaret Micallef Stojanovic;

Il-Qorti giet gentilment mitluba li tohrog ordni ta protezzjoni, inklusa fil-mori tal-kawza kontra Dennis Vella a beneficju ta' Donna Marie Micallef u Margaret Micallef Stojanovic u familjari taghhom u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

Il-Qorti giet mitluba f'kaz ta htija, biex tipprovdi ghall-persuni ta' Donna Marie Micallef u Margaret Micallef Stojanovic u familjari taghhom jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil Dennis Vella b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi iffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq,

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Semghat ix-xhieda ta' Slobodan Stojanovic, Donna Marie Micallef, Margaret Micallef Stojanovich, Dr Frank Cassar u Catherine Vella.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-partjiet.

**Ikkunsidrat**

Illi fis-16 ta' Jannar 2020 xehed Slobodan Stojanovic Micallef bil-lingwa Ingliza fejn qal illi fi Frar tal-2019, f'xi 6.00pm kien wasal id-dar mix-xoghol u l-mara tieghu daqqet l-intercome u wegibha t-tifel taghha Christopher Micallef, li dak iz-zmien kellu sittax-il sena u qallu li ommu Margaret riditu jinzel isfel. Hu ttawal mit-tieqa biex jara ghalfejn riditu jinzel u ra lil mara tieghu, ra lil Donna li kienet qieghda twerzaq u tghajjat 'sikkina', u ra lil Dennis, u quddiemu ra xi haga tleqq ma' l-art imma kien kwazi dalam. Ix-xhud kompla jghid li kien hemm ukoll hafna nies. Ix-xhud gharaf lil Dennis fl-awla, ghax kien jafu, peress illi kien ir-ragel ta' oht il-mara tieghu. Sakemm libes iz-zarbun u nizel isfel, Dennis kien diga' fil-karrozza hiereg mill-parking. Hu ma' setghax jara minn kien fil-karrozza u lanqas ma' jaf x'kulur kienet il-karrozza. Wara li telaq, il-mara tieghu u Donna qalulu li kienu qed jiehdu l-kaxxi minghand Dennis, u Donna qalet lil mara tieghu, li Dennis kellu sikkina f'idu u l-mara tieghu

imbutattu u marret tghajjatlu biex jinzel. Huma mbaghad maru l-ghassa u x-xhud qal lil pulizija li l-hanut tat-tattoo kellu camera. Fil-kontro ezami x-xhud qal illi ma' rax lil mara tieghu timbotta lil Dennis, ghax meta rahom mit-tieqa li kienet fl-ewwel sular, kien ittawal ghal xi zewg sekondi u ra li kien hemm ftit metri distanza bejniethom kollha. Dennis kien lagemba, imma kellu daru lejh u kien xi erba' metri l boghod mill-mara tieghu li kienet taht it-tieqa, u Donna kienet xi metru u nofs il boghod minn Dennis. Ra xi haga tleqq imma ma' ra xejn f'idejn hadd. Meta nizel isfel, Dennis kien diga' fil-karrozza u l-mara tieghu u Donna baqghu hdejn id-dar.

Illi xehdet Donna Marie Micallef, fejn qalet illi fil-25 ta' Frar 2019, kienet irceviet telefonata minghand Dr. Frank Cassar, li kien l-avukat ta' l-ex partner taghha, l-imputat Dennis Vella, li gharfet fl-awla, fejn qalilha li kellu xi affarijiet li kienu taghha fl-ufficju tieghu u li kien ser johodhomlha u talabha l-indirizz. X'hin wasal, hi nizzlet m'ohtha, fejn raw lil Catherine Vella li tigi omm Dennis, ma' Dr Frank Cassar, u dawn kellhom zewg kaxxi kbar roza. Dr. Cassar beda jiccekkja l-affarijiet bil-karta u x-xhud saqsietu ghal mobile, u Catherine wiegbet b'mod arroganti, *'x'mobile hu?'* X-xhud wegbitha, li kien l-mobile li halliet warajha meta telqet ghal gol-home, minhabba li kienet qed tigi abbuzatha. Catherine wegbitha li din mhux ser tieqaf hemm, u Catherine resqet lejn il-karrozza li kienet ipparkjatha xi metru u nofs l-boghod u dahlet fis-seat ta' wara, u hareg Dennis Vella min-naha tax-xufier, fejn kellu flick knife f'idejh li fetahha u ppontaha lejn ohtha li kellha darha lejh. X-xhud bdiet tghajjat lil ohtha biex tavzaha li Dennis kellu sikkina, u ghajtejt biex igibu l-pulizija. Ohtha daret u ppruvat tiddefendi ruhha billi harget idejha, u qaltlu *'mela tijili',* u ohtha ghajtet lir-ragel taghha, izda sakemm nizel, Dennis, Catherine u Dr Frank Cassar, kienu lahhqu telqu. Dak il-hin Dr. Frank Cassar qallu idhol ha mmorru, u Dennis dahhal il-flick knife fil-but u telqu, u x'hin ghaddew minn quddiem il-kazin beda jghajjat li hi kienet qahba. X-xhud ipprezentat Protection Order immarkat bhala Dok DM1[1], li jghid li Dennis ma' kellux jersaq lejha. Fil-kontro ezami, x-xhud qalet illi ghall-ewwel Dr Cassar u omm Dennis kienu barra l-karrozza. Hi kienet ftehmet ma' l-Avukat biss, u meta omm Dennis qaltilha din mhux ser tieqaf hawn, hi m'uzatx kliem offensiv u cahdet illi ghajritha qahba, izda jista' jkun li gholliet lehenha meta qaltilha biss *'xi trid tghid biha?'* Ix-xhud kompliet tghid li lanqas ma' semghet lil ohtha tghid xi kliem offensiv. Il-paniku

[1] Fol. 39

beda minn omm Dennis wara li hi talbitha l-mobile, u jista' jkun li gholliet lehenha ghax kienet ilha sena tistenna l-mobile. X'hin rat is-sikkina f'idejn Dennis hi bdiet tghajjat lil ohtha biex tavzaha, imma ma' hassitx il-htiega li tahrab, ghax imbaghad l-Avukat tieghu ghajjatlu u telqu. L-Avukat ra kull ma' kien qieghed jigri. X-xhud qalet illi hi ma' tkellmet ma' hadd min-nies tal-bar, biex tara x'raw jew ma' rawx biex jkunu xhieda. Ikkonfermat illi ohtha imbuttat lil Dennis biex tipprotegi ruhha, ghax kellha darha lejh u hi qaltilha 'aremm ghandu sikkina' u ohtha daret u ratu bis-sikkina u qaltlu *'tijili mela'* u mbuttatu.

Illi fl-24 ta' Settembru 2020, xehdet Margaret Micallef Stajanovich li tigi oht Donna Marie Micallef, fejn qalet illi fil-25 ta' Frar 2019, kienu flimkien id-dar taghha f'Haz-Zabbar u f'xi 6.45pm kien cempel Dr Frank Cassar lil ohtha fejn qalilha li kien ha jgibilha l-affarijiet taghha, li kienu baqghu ghand Dennis Vella l-imputat, li huwa l-ex t'ohtha li gharfet fl-awla. Ix-xhud qalet illi kellhom jiltaqghu hdejn il-BOV, u x'hin nizzlu t-tarag tad-dar xi 2 metri l-boghod kien hemm Dr. Frank Cassar li qal lil ohtha biex ticcekja l-affarijiet, u mieghu kien hemm omm Dennis. X'hin fethet il-kaxxi, Donna sabet affarijiet mkissrin, ritratti t'ommha maqtughin, harqa mahmuga u hwejjeg mqattghin, u ohtha qalet lil Avukat *'dawn mhux l-affarijiet tieghi'* u hu wegibha illi lilu dawk kienu tawh. Omm Dennis qaltilha, *'dawk kellek'*, ghax meta marret ma' binha ma' kellha xejn, u ohtha qaltilha li kellha mobile u x-xhud ukoll qaltilha li ohtha kellha mobile, u li ma' riedux glied, imma l-affarijiet li jkunu sewwa, u omm Dennis wegbitha li mhux ser jieqfu hawn l-affarijiet. Fil-pront ohtha rat lil Dennis gej bil-flick knife u qaltilha *'aremm ghax ghandu sikkina'*, ghax ix-xhud kellha darha lejh, u daret, u meta ratu bil-flick knife ta' xi 10 centimetri, imbuttatu. bennis Beda ixejjer il-flick knife u qalilha *'b'din noqtolkhom lilek u lil ohtok'*. Ommu dak il-hin telqet tigri lejn il-karrozza, u l-Avukat qallu *'ejja Dennis ha mmorru'*. Dak il-hin, hi marret thabbat id-dar, u nizel it-tifel taghha u r-ragel, imma ma' raw xejn ghax kienu diga' telqu minn hdejhom. Huma imbaghad marru jaghmlu rapport. Fil-kontro ezami x-xhud ikkonfermat li ghall-ewwel kien hemm hi u ohtha, l-Avukat u omm Dennis vicin tad-dar taghha, u Dennis gie meta semmaghhom jghajtu m' ommu. Hi ma' setghetx tahrab bhalma ghamlet omm Dennis, ghax kien hemm il-hajt, u x-xhud imbbutatu meta rat il-flick knife ippuntat lejha biex tipproteggi lilha nnifisha u lil ohtha.

Illi fis-27 ta' Mejju 2021, xehed Dr Frank Cassar li gie ezentat mis-sigriet professjonali. Ix-xhud qal illi kien l-Avukat ta' Dennis Vella, u li kien

hemm kwistjoni ma' l-ex partner tieghu Donna Marie Micallef, peress illi hi kienet telqet mid-dar fejn kienu jghixu flimkien, u kienet halliet xi affarijiet taghha warajha. Hu kien offra quddiem il-Magistrat Dr. Ian Farrugia, biex jmur Haz-Zabbar mal-klijent bl-affarijiet u jiffirmaw l-karti biex il-kwistjoni tigi rizolta. Dennis kien mar m'ommu Catherine Vella, li hija mara anzjana hafna, l-ufficju tieghu b'zewg kaxxi li ma' kienux tqal. Hu kien cempel lil Donna u ftehmu biex jiltaqghu hdejn il-kazin tal-Labour u kienu marru bil-karrozza ta' Dennis. X'hin waslu Dennis waqaf ftit il-boghod mill-kazin, u hu cempel lil Donna biex jghidiliha li wasal, u hu u omm Dennis stennewha quddiem il-kazin bil-kaxxi. Ftit wara ra zewg nisa gejjin lejh, Donna u mara ohra li wara sar jaf li kienet ohtha. Bdew jghajtu u jitkellmu hazin, qishom taghhom tal-qamar kif rawhom. Gew fuqu u fuq omm Dennis, li hija mara anzjana, u bdew jghajjruha qahba tiela' u qahba niezla. Tant kien hemm storbju li hargu xi hmistax-il ruh mill-kazin, li hu bhala Avukat hassu mbarazzat, u halla l-kaxxi hemm u qal lil omm Dennis biex  jmorru lura ghax ma kienux ser jaslu maghhom. Qabdu mixjin lejn il-karrozza u huma mxew warajhom. Kif dahhlu fil-karrozza qal lil Dennis biex jitilqu sparati, ghax kienet ser tiggrava s-sitwazzjoni u telqu l hemm. Jista' jkun li Dennis hareg ghal mument wiehed biex jipprotegi lil ommu mill-ghajjat u biex fethilha l-bieba, imma saq mill-ewwel. Dennis ma' resaqx lejhom, ghax fil-fatt kienu huma li gew lejn il-karrozza. Hu ma' ra lil hadd jerfa' idejh, izda kien hemm hafna ghajjat u storbju. Kif kienu qeghdin jistennew bil-kaxxi, Donna u ohtha gew fuqhom b'hafna ghajjat u aggressjoni u kliem offensiv bhal qahba, lejn omm Dennis, l-hin kollu u anke lilu bdew jghajru. Baqghu sejrin l-ufficcju tieghu u hu ghamel kwerela biex jmorru jaghmlu rapport Haz-Zabbar. Ix-xhud kien kellem lil Ispettur, fejn dan qallu li kien hemm allegazzjoni li Dennis kien hareg mus, u hu qallu li assolutament ma' ra l-ebda mus u kien lest jiehu gurament. Fil-kontro ezami hu kkonferma li hu kien ghadu mixi lejn il-karrozza, u ra lil Dennis li hareg u fetah l-bieba tal-karrozza ghal ommu, u dahlu u telqu. Dennis baqa' dejjem hdejn il-karrozza u rah ghax kien mixi lejn il-karrozza, allura Dennis kien dejjem quddiemu, hlief meta kienu hdejn il-kazin, fejn lil Dennis hallewh warajhom fil-karrozza. Mistoqsi jghid jekk setax jara idejn Dennis, hu wiegeb li ma' kienx qaghad ihares lejn subghajh, imma Dennis kemm hareg jghin lil ommu tidhol fil-karrozza.

Illi xehdet Catherine Vella li tigi omm Dennis Vella, l-imputat, fejn qalet li hu kellu relazzjoni ma' Donna Micallef li kienet spiccat. Fil-25 ta' Frar 2019 ghal habta tas-6.30pm, hi kienet marret mat-tifel ghand l-Avukat

Frank Cassar ghax Dennis kellu xi affarijiet ta' Donna. L-Avukat qabbadhom johorgu l-affarijiet mill-kaxxi u kiteb kollox, u cempel lil Donna biex johdilha l-affarijiet. Peress illi l-kaxxi ma' qadux fil-karrozza ta' Dr Cassar, marru bil-karrozza tat-tifel, u hi marret maghhom biex tkun xhud li tawha l-affarijiet. Marru Haz-Zabbar, hdejn il-kazin tal-Labour, u x'hin wasslu l-Avukat cempel lil Donna u hi nizlet. L-Avukat qal lit-tifel biex jibqa' fil-karrozza, u hargu hi u l-Avukat u nizzlu l-kaxxi u mxew qisu d-doppju tal-awla, ghal hdejn il-kazin tal-Labour, tant illi ma setghetx tara l-karrozza, apparti li kienet b'dahra lejn il-karrozza. L-Avukat qal lil Donna biex ticcekja l-affarijiet, u Donna bdiet tghajjat *'fejn hu l-mobile?'* Hi wegbitha *'x'mobile hu?'* Harget ohtha Margaret Micallef, u resqu t-tnejn lejha, u Donna bdiet tghajjarha li hi l-ikbar qahba, qaltilha tlett darbiet. Kienu aggressivi u hi twerwret. Ix-xhud kompliet tghid illi ma' missewhiex, imma t-tnejn kienu aggressivi bil-kliem. Hargu n-nies mill-kazin u l-Avukat qalilha, *'imxi imxi gol-karrozza'*. Saddattant it-tifel hareg mill-karrozza biex jipprotegiha, u qalilha *'imxi fil-karrozza'* u ghinha tidhol fil-karrozza, startja u telqu. Oht Donna, Margaret, qabzitha u marret hdejn il-karrozza u tat daqqa ta' ponn fuq is-saqaf tal-karrozza, u qalet lil Dennis li titfghu erbat ijiem il-habs. Fil-kontro ezami, x-xhud qalet li lil Dennis ratu barra mill-karrozza meta kienu mexjin lura, u dejjem kien quddiemha sakemm waslu hdejn il-karrozza, u l-Avukat qallu biex jistartja ha jitilqu. Margaret tat daqqa ta' ponn fuq is-saqaf x'hin kienu dehlin fil-karrozza, it-tifel rikeb fuq in-naha tax-xufier, l-Avukat hdejh u hi fuq wara. L-Avukat kien qal lil Dennis biex jibqa' fil-karozza biex Dennis ma' jiltaqax ma' Donna.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat fil-kawza odjerna qed jigi akkuzat illi fil-25 ta' Frar 2019, filwaqt li kien qed jaghmel reat kontra l-persuna kien qed igorr arma irregolari jew munizzjon, li kkaguna lil *parte civile* biza li ser tintuza vjolenza kontrihom, kiser il-paci pubblika, hebb ghal *parte civile* biex idejjaqhom jew jingurjhom kif ukoll insulenthom u heddidhom.

Illi rigward l-ewwel (1) akkuza, fl-ebda hin ma' ntqal jew ingabet prova illi l-imputat kien qed igorr xi arma irregolari jew munizzjon u ghalhekk din l-imputazzjoni ma' tirrizultax.

Illi rigward l-akkuzi l-ohra migjuba kontra l-imputat, l-partijiet fix-xhieda taghhom, ghalkemm qablu dwar il-fatt illi l-imputat m'ommu u ma' l-

Avukat tieghu marru jaghtu xi affarijiet lil Donna Marie Micallef li tigi l-ex siehba ta' l-imputat, vicin d-dar t'ohtha Margaret, taw verzjonijiet totalment konfliggenti ta' x'gara ezattament meta nqala l-incident bejniethom, kif ukoll huma konfliggenti l-verzjonijiet li nghataw mill-partijiet, meta nstemghu x-xhieda minn din il-Qorti ghal dik li tnizzlet mill-Pulizija fir-rapport pprezentat in atti. Illi l-Qorti thoss illi l-verzjonijiet li nghataw mill-partijiet m'humiex kompletament veritieri u ghalhekk l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat ma' gewx ppruvati minghajr dubju dettat mir-raguni.

Illi wara li semghat ix-xhieda u rat d-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali, il-Qorti hija konvinta illi l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' l-imputat ma' gewx ippruvati sal-grad rikjest mill-Ligi.

<u>**Decide**</u>

Ghal dawn il-motivi il-Qorti qed issib lil imputat **mhux hati** ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontrih u qed tilliberah minnhom.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
Magistrat